**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

## Laqgħa Nru. *17/07/2016*

Data: It-Tlieta 23 ta' Ġunju 2016

Hin: Fis-6.00 ta' filgħaxija

Post: Fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

---

Preżenti: *Is-Sur Nicky Saliba – Sindku*
*Is-Sur Daniel Cordina – Deputat Sindku*
*Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier*
*Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera*
*Chev. Carmelo Saliba – Kunsillier*
*Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn*

*Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva*

Skużati:

Assenti:

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa bin-nru. 16/07/2016;
3. Punti mqajma mill-Minuti Laqgħa bin-nru. 16/07/2016;
4. Minuti tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn Laqgħa bin-nru. 16/2016;
5. Korrispondenza;
6. Ilmenti u Suġġerimenti;
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
8. Sejħiet għall-offerti:
   Kostruzzjoni ta' latrina pubblika fil-Bajja tax-Xwejni
   Akkwist u twaħħil ta' tabelli tat-traffiku;
9. Affarijiet Oħra;
10. Aġġornament.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Is-Sur Eddie Vella tal-Gozo Jeep Tours li kien preżenti għall-laqgħa qal li matul l-aħħar attivita` tiegħu li kellu fil-Bajja tax-Xwejni la hu u lanqas il-Pulizija ma keċċew lil ħadd mill-bajja. Is-Sur Vella qal sempliċiment ma ħallejniex nies jużaw id-*deck chairs* mikrija lilhom għall-attivita`.

Il-Kunsillier C Saliba rrefera għal komunikat li għaddiet is-Segretarja Eżekuttiva bi kjarifika tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar rimborż ta' spejjeż lill-Kunsillieri. Il-Kunsillier Saliba qal qiegħed jitlob kjarifika dwar din. Il-Kunsillier Saliba qal fl-aħħar żewġ ħarġiet organizzata minn V18 bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill, hu deherlu li f' dawn iż-żewġ okkażjonijiet jieħu *snack* wara sigħat sħaħ barra minn ġo daru u jingħata *refund* għall-ispejjeż li jkun għamel. Saliba qal iħoss li kien investigat mid-dipartiment dwar dan ir-rimborż u li kellu jkun infurmat mis-Segretarja Eżekuttiva li kienet ser titlob kjarifika lid-dipartiment.

Is-Segretarja Eżekuttiva wieġbet hi kull ma għamlet talbet linja gwida lid-dipartiment kif tagħmel f' diversi okkażjonijiet oħra. Qalet hija ma tarax li talbet lid-dipartiment jagħmel investigazzjoni fuq xi Kunsillier għax fl-*e-mail* tagħha lid-dipartiment ma hemm imsemmi l-ebda Kunsillier.

Il-Kunsillier Saliba qal qiegħed jagħmel dikjarazzjoni li kemm dam Sindku u kemm ilu Kunsillier, kull meta mar fuq ħarġiet tal-Kunsill qatt ma talab xi *refund.*

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat l-*e-mail* li kienet bagħtet lid-dipartiment u l-kjarifika tad-dipartiment.

Il-Kunsillier Saliba ppropona u l-Kunsill qabel li jintalab parir legali mill-avukat tal-Kunsill dwar il-kjarifika tad-dipartiment.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 16/07/2016

1.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 16/07/2016 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

1.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

1.3 Mill-iskeda tal-pagamenti nru. 13/2016 kienu eliminata pagamenti bin-nru. 60. u 61.

1.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU 16/07/2016

3.1 Il-Kunsillier Saliba staqsa dwar 2.2. Is-Segretarja Eżekuttiva wieġbet li kienet kellmet lill-kuntrattur u qalilha li ma kienx ser jiftaħ bankina oħra qabel ilesti l-bankini ta' Triq Ulisse u Triq il-Wied.

3.2 Il-Kunsillier Saliba staqsa x' kien ġara dwar 3.5. Is-Sindku qal kien kellmu Victor Zammit u qallu li r-raba' t' isfel qiegħed għandhom bi qbila mingħand il-Gvern. Gie deċiż li ssir laqgħa man-nies fil-preżenza tal-Perit.

3.3 Il-Kunsillier Saliba qal il-ħarġa bit-trejn għan-nies kien għadha ma saritx. Kien maqbul li din il-ħarġa ssir nhar l-20 ta' Lulju 2016, tluq mill-Pjazza fit-8.00pm u s-Sindku għandu jipprepara programm għal din il-ħarġa.

3.4 Dwar 3.3, il-Kunsillier Cassar qal li kien tkellem maż-żgħażagħ u interessati fil-proġett Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

3.5 Dwar il-*penants* tal-Kunsill approvata, il-Kunsillier Saliba staqsa jekk dawn il-*penants* kienux saru. Is-Sindku qal kien mar għand Horace darba s-Sibt filgħaxija u sabu magħluq u ma kienx reġa' mar. Is-Sindku qal fi ħsiebu meta jkun lejn dawk in-naħat għandu jmur jarahom.

3.6 Dwar 7.2, il-Kunsillier Saliba rrimarka li meta hu poġġa bil-qeda ma kellux programm taċ-ċerimonja. Is-Sindku qal programm stampat għall-mistednin ma kienx sar.

3.7 Dwar l-appuntament ma' Fr Joseph Attard, il-Kunsillier Saliba staqsa jekk dan l-appuntament kienx sar jew le. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet kienu saru diversi tentattivi pero` dan l-appuntament baqa' qatt ma rnexxa. Hija talbet biex tiġi stabbilita` ġurnata. Kien miftiehem li l-laqgħa ma' Fr Attard issir il-Ġimgħa 1 ta' Lulju 2016 fit-8.00pm.

3.8 Dwar il-gandott f' Ta' Abram, il-Kunsillier Saliba qal baqa' ma sar xejn dwar il-gandott.

## 4. MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN LAQGHA A BIN-NRU. 16/2016

4.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. 17/2016 tat-Tlieta 31 ta' Mejju 2016 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

## 5. KORRISPONDENZA

Il-korrispondenza ttieħdet bħala moqrija mill-Kunsill.

5.1 Rapport tal-Perit Edward Scerri dwar ħajt tas-sejjieħ perikolanti fuq is-sies fi Triq il-Knisja. Il-Kunsill iddeċieda li jgħaddi r-rapport tal-Perit lill-Pulizija.

5.2 Ittra tal-GAGF dwar l-iffirmar minn rappreżentant tal-Kunsill ta' att pubbliku rigward il-Fundazzjoni Gozo Action Group. Il-Kunsill iddeċieda li dan il-kuntratt ikun iffirmat mis-Sindku.

5.3 Ittra mill-Kumpanija District Operations dwar il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jiffirma l-ftehim CWSEF - Local Councils Memorandum Agreement. Il-Kunsillier Saliba qal importanti li jinżamm rekord tax-xogħol li jkunu għamlu l-ħaddiema matul il-ġimgħa. Is-Sindku qal dan ir-rendikont se jkun mehmuż mal-*attendance sheets* tagħhom.

5.4 L-ittra ta' direzzjoni mill-kumpanija tal-udituri RSM Malta dwar l-egħluq tas-sena finanzjarja tal-Kunsill 2015. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet se tikkonsulta mal-*accountant* tal-Kunsill biex din l-ittra tkun imwieġba.

5.5 Ittra mill-Kumpanija WasteServ dwar il-proġett tal-ġbir ta' skart organiku. Il-Kunsill approva l-iskeda proposta mill-Kumpanija WasteServ.

5.6 Ittra tal-Aġenzija għall Pagamenti Agrikoli u Rurali dwar radd lura ta' flus fir-rigward tal-proġett mill-Miżura 413. Is-Sindku qal flimkien mal-Perit se jkunu qed jieħdu ħsieb din il-kwistjoni.

5.7 Ittra tar-Reġjun Għawdex dwar il-manifestazzjoni tal-melħ fil-Belt ta' Cervia l-Italja. Ġie deċiż li ssir laqgħa għall-produtturi tal-melħ u tintalab

linja gwida lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-ħlas tal-ispejjeż tal-produtturi tal-melħ (tal-vjaġġi, *lodging* f'Ruma, eċċ).

5.8 Komunikat ta' Transport Malta dwar it-talba tal-Kunsill fir-rigward tar-*road markings* fi Triq Iż-Żebbuġ. Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel it-talba tiegħu fuq is-sistema Servizz.gov. Il-Kunsillier Saliba qal minn MP li kienet saret dwar Triq iż-Żebbuġ, jirriżulta li l-Gvern għadu ser jibda bl-istudju tiegħu fuq din it-triq.
5.8.1 Il-Viċi Sindku qal qed nistennew isir xi inċident biex tittieħed azzjoni fuq din it-triq prinċipali.
5.8.2 Il-Kunsillier Saliba ppropona u l-Kunsill qabel li ssir talba għal laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex dwar din it-triq.

5.9 Ittra tal-Kumpanija Electrowaste Ltd dwar riċiklaġġ ta' tessuti wżati u aċċessorji oħra relatata mill-Kumpanija Refab Malta. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet għat-tqegħid ta' kontenituri fil-lokal għall-ġbir tal-ħwejjeġ.

5.10 Ittra tas-Soċjeta` Filarmonika Santa Marija dwar il-festival mużikali u vokali sajf 2016 imtella' mill-Banda Santa Marija u l-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ.
5.10.1 Suġġett għad-diskussjoni fis-seduta li jmiss.

5.11 Ittra mill-Fondazzjoni JP2 dwar l-organizzazzjoni ta' attivita` fl-okkażjoni tal-festa – il-ħlas mitlub €250. Attivita` approvata mill-Kunsill (suġġett għall-approvazzjoni tal-Arċipriet).

| | **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|---|
| (i) | Patrick Camilleri – Żebbuġ Rovers FC għal attivita` ta' *barbeque* nhar it-2 ta' Lulju 2016 fi Triq Mons de Piro. | Approvata. |
| (ii) | James Borg<br>Għal attivita` ta' *pre-wedding get together* nhar it-28 ta' Ġunju 2016 taħt Triq Panoramika. | Rifjutata – art pubblika. |
| (iii) | Film Corporation Malta Ltd<br>Għal *filming* mill-14 sat-18 ta' Lulju 2016 fi Triq Panoramika u taħt il-Qolla l-Bajda. | Approvata |

(iv) Sean Buhagiar – Malta Arts Festival Għal produzzjoni 'B' tal-Linja Jaqbillek Żgur' nhar is-16 ta' Lulju 2016 fi Pjazza l-Assunta. — Approvata.

## 6. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

6.1 Ilment 23/2016 – is-Sindku
Ippropona li ssir *car show* b' risq Puttinu Cares nhar il-31 ta' Lulju 2016 fi Pjazza l-Assunta. L-attivita` ġiet approvata mill-Kunsill u jingħata *token* lill-parteċipanti kollha fil-wirja.

6.2 Ilment 24/2016 – is-Sinjura M Buttigieg
Biex tinbidel il-bankina quddiem Buttigieg Flts fi Triq ix-Xwejni u minflok issir tal-i*stenciled concrete*. It-talba kienet approvata.

6.3 Ilment 25/2016 – is-Sinjura E Zammit
Biex jitwaħħlu tabelli fil-Bajja tax-Xwejni juru l-għawm tal-klieb mhux permess fil-bajja. Il-Kunsill approva li jitwaħħlu tabelli fil-bajjiet tax-Xwejni (x2) u tal-Qbajjar (x2) u fl-*area* ta' Taħt ix-Xifer (x1).

6.4 Ilment 26/2016 – il-Kunsillier Carmelo Saliba
Staqsa fuq liema binarji fil-ġimgħa tal-festa tar-raħal bdew joħorġu permessi għal attivitajiet ta' divertiment fil-lokalita` ta' Marsalforn, xi ħaġa li l-Kunsilli preċedenti kienu qatgħu. Iċ-Chairperson qalet Żebbuġ u Marsalforn huma żewġ lokalitajiet differenti u ċertament li l-attivitajiet li jsiru f' Marsalforn mhux ser itellfu mill-festa ta' Santa Marija.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

7.1 Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 14/2016 – DOK A għall-perijodu bejn it-18 ta' Mejju 2016 u l-20 ta' Ġunju 2016 li tammonta għal €41,643.05 kienet approvata u ffirmata.

## 8. SEJHIET GĦALL-OFFERTI

**KOSTRUZZJONI TA' LATRINA PUBBLIKA FIL-BAJJA TAX-XWEJNI**

8.1 Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport tal-Perit dwar l-offerti mitfugħa.

8.2 Is-Segretarja Eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni tal-Kamra li l-offerta ma kienetx tinkludi x-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq Għajn Mhelhel.

8.3 Il-Kunsill għażel l-offerta ta' Road Construction Co Ltd li kienet l-irħas waħda.

8.4 Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol ma jinbediex qabel tiżżarma l-gabbana.

**AKKWIST U TWAHHIL TA' TABELLI TAT-TRAFFIKU**

8.6 Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport tal-Perit dwar l-offerti mitfugħa.

8.7 Il-Kunsillier Saliba qal ma jaqbilx mar-rakkomandazzjoni tal-Perit għax hemm diskrepanza kbira bejn iż-żewġ offerti.

8.8 Il-Viċi Sindku qabel mal-Kunsillier Cassar u żied jgħid dan fl-interess tal-finanzi tal-Kunsill.

8.9 Il-Kunsillier Saliba ppropona u l-Kunsill qabel li jittieħed parir legali mill-avukat tal-Kunsill.

## 9. AFFARIJIET OHRA

9.1 Il-Kunsill approva x-xiri ta' sett kotba għall-librerija (€21.53) 8 X €2.99 less 10% *discount*.

9.2 Dwar l-aġġornament tal-ktejjeb Żebbuġ Marsalforn, is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet talbet lill-awtur tal-ktieb kwotazzjoni biex isir l-aġġornament tiegħu.
L-awtur kien għaddielha żewġ kwotazzjonijiet:

| | |
|---|---|
| Kwotazzjoni narrattiva | €1,000 |
| Kwotazzjoni ritratti | € 950. |

9.3 Il-Kunsill iddeċieda li jitlob linja gwida lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-validita` ta' dawn iż-żewġ kwotazzjonijiet.

9.4 Proposti mressqa mis-Sindku:

- biex jinbidlu l-bankini quddiem il-garaxx tar-residenza Josmar fi Triq Għajn Mhelhel u quddiem AntMar fi Triq il-Mitħna. Il-Kunsill qabel li jinbidlu ż-żewġ bankini.
- is-siġar taż-żebbuġ ta' Triq iż-Żebbuġ ikun iċċekkjat għal xi mard. Il-Kunsill ftiehem li jitkellem ma' Savio Saliba.

- ilment dwar ħmieġ tal-klieb f' kull kantuniera tal-*playing field* ta' Triq Mons De Piro. Ġie deċiż li jitwaħħlu żewġ tabelli juru 'Klieb mhux awtorizzata fil-post'.
- isiru sessjonijiet tal-Yoga fl-iskola mill-*instructor* Simon Salomone Reynaud.
  Il-Kunsill qabel.
- ikompli x-xogħol ta' tindif u l-bini ta' ħitan tas-sejjieħ imwaqqa' fil-parti ta' fuq tal-passaġġ ta' Abram. Xogħol approvat li jsir minn Said Construction.
- ikun attrezzat uffiċċju għas-Sindku fis-sular ta' fuq u jkun organizzat il-*front office*. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

9.5 Proposti mressqa mill-Viċi Sindku:

- qtugħ tal-ħaxix u tindif ta' Triq Mons De Piro. Ix-xogħol se jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.
- bankini li kisser il-kuntrattur tal-Kumpanija GO ta' quddiem ir-residenza 51 Triq il-Madonna taċ-Ċiċri u 7 Triq l-Għażżiela. Is-Sindku qal kull fejn kisser il-kuntrattur tal-GO, irid jirranġa hu u mhux il-Kunsill.

9.6 Proposta mill-Kunsillier C Cassar:
Il-Kunsillier Cassar qal kienu kellmuh mill-Fondazzjoni Skola Sajf dwar żjarat mit-tfal ta' Għawdex li jattendu Skola Sajf. Qal hu kien issuġġerixxa żewġ postijiet fil-lokalita` l-knisja u s-salini. Il-Kunsill qabel li jqabbad lil Fr Joseph Attard biex jipprepara taħdidiet ta' madwar sagħtejn lit-tfal dwar dawn iż-żewġ postijiet.

## ĠEMELLAĠĠ MAL-COMUNE DI LANUVIO

Is-Sindku ppropona li jsir ġemellaġġ mal-Comune di Lanuvio f' Ruma u tintalab l-approvazzjoni tal-Ministeru għall-Gvern Lokali għal dan il-ġemellaġġ.
Il-Kunsill unanimament qabel.

Il-Kunsillier Saliba tkellem dwar laqgħa li hu kellu ma' rappreżentanta tal-Meusac. Qal li l-applikazzjonijiet għal fondi mill-Unjoni Ewropeja jagħlqu fl-1 ta' Settembru 2016. Qal għandu jiġi krejat PIC no. biex napplikaw għal fondi. Is-Sur Saliba qal irid jitfassal programm imqassam fuq ħames t' ijiem.
Il-Kunsillier Saliba qal it-*target* tal-Kunsill għandu jkun ta' 45 persuna, hekk il-budget tal-Unjoni Ewropeja ikun €7,500. Qal għandha tkun

preparata sessjoni kuljum. Kien maqbul li l-*project leader* għal din l-applikazzjoni jkun il-Kunsillier Saliba.

Il-Kunsill qabel li jistieden rappreżentanza mill-Comune di Lanuvio (massimu ħamsa) għall-festa ta' Sta Marija.

## 10. AĠĠORNAMENT

**10.1** Il-laqgħa ntemmet fl-9.45 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna s-seduta għat-Tlieta 26 ta' Lulju 2016 fis-6.00 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

***Nicky Saliba***
*Sindku*

IFFIRMATA

***Diane Tagliaferro***
*Segretarja Eżekuttiva*

Data: ***26 ta' Lulju 2016***